IR-RABAT

# KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA
# IT-TIENI LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 09

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**L-Erbgħa 25 ta' Marzu 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |

## 1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B08

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B08 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Viċi-Ċerpersin u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B08

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B08

Punti li joħorġu mill-Minuti B08

2.01 2.02 Is-Sra Marthese Cortis infurmat l-laqgħa li t-tabella tal-*Cul-de-Sac* baqgħet ma ġietx mibdula, iżda ġiet biss mizbugħa. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser terga tagħti struzzjonijiet lill-*handyman* tal-Kunsill sabiex l-imsemmija tabella tigi mibdula. Tabella tal-*Cul-de-Sac* ġewwa l-Kunċizzjoni

## 3.00 Komunikazzjoni mill-membri



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

| | | | |
|---|---|---|---|
| 3.01 | Is-Sra Marthese Cortis infurmat il-laqgha li l-wires tad-dawl li hemm imwaħħla mal-gallarija, fi Triq Patri Tumas Xerri, għadhom ma tneħħewx. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li diga' kien sar rapport lilll-Enemalta dwar dan il-każ. | Wires tad-dawl fi Triq Patri Tumas Xerri. |
| 3.02 | Is-Sur George Attard informa l-laqgħa li l-*wire* tad-dawl li hemm għaddej minn taħt il-gallarija fi Triq il-Lewż, għadu ma tneħħiex. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li diga' kien sar rapport lilll-Enemalta dwar dan il-każ. | Wire fi Triq il-Lewż |
| 3.03 | Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li hemm bżonn ta' tnax-il jarda konkos fi trejqa li jgħaddu minnha biss il-bdiewa. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li dik hija trejqa privata u għaldaqstant l-manutenzjoni tat-trejqa trid issir mill-bdiewa. | Konkos fi trejqa |
| 3.04 | Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li twaħħlet bozza f'post ħażin ġewwa Wied Rini. Huwa qal li l-bozza oriġinarjament kellha titwaħħal f'post ieħor, skond il-permess li nħareġ mill-Enemalta, iżda din għadha ma twaħlitx. | Bozza Wied Rini |
| 3.05 | Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li l-bozza li twaħħlet fit-Triq tal-Fiddien għadha mhux tixgħel. | Bozza il-Fiddien |

**4.00 Korrispondenza**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li l-Kunsill irċieva diversi lmenti mir-residenti li joqgħodu fiz-zona taċ-Ċens l-Iswed. Dawn ir-residenti qed jitolbu li it-triq tagħhom tingħata isem minħabba l-fatt li qed ikollhom problema sabiex jircievu l-posta tagħhom.<br><br>Is-Sur Paul Galea ppropona li t-triq tishemma Triq iċ-Ċens l-Iswed. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. | Isem tat-triq għaz-Zona taċ-Ċens l-Iswed |
| 4.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li residenta li toqgħod Bieb ir-Ruwa kienet qegħda tagħmel talba sabiex tingħata *bins on wheels* bħal m'għandhom residenti oħra, minhabba li f'dik iż-żona l-iskart ma jingabarx kuljum.<br><br>Is-Sur Paul Galea ppropona li l-Kumitat jilqa it-talba ta' din ir-residenta. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament li jinxtara dan il-*bin*. | Talba għal *Bins on Wheels* |
| 4.03 | B'referenza għall-korrispondenza numru 50/0332/15, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa dwar petizzjoni li ricevuta mingħand il-Kumitat EkoSkola, tal-Iskola Primarja tal-Baħrija. Il-Kumitat qiegħed jitlob sabiex issir *Sleeping Policeman* u *Pelican Lights* jew *Zebra Crossing* fiż-żona tal-Pjazza tal-Baħrija.<br><br>Is-Sur Paul Galea informa l-laqgħa li diġa kienet saret applikazzjoni ma *Transport Malta* dwar din iz-*Zebra Crossing*. | Petizzjoni Kumitat EkoSkola - Skola Primarja Baħrija |
| 4.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li kien daħħal ilment dwar bankina mkissra quddiem bieb nru. 17, *Liebchen,* fi Triq Patri Tumas Xerri. Is-Sur Paul Galea ppropona li l-imsemmija bankina tiġi irranġata. Issekonda din l-proposta s-Sur George Attard. Il-Kumitat qabel unanimament. | Bankina mkissra fi Triq Patri Tumas Xerri |
| 4.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li kien daħħal ilment dwar l-istat ħażin li | L-Istat ħażin ta' |

tinsab fiha parti minn Triq tan-Namura, eżattament il-parti ta' quddiem il-blokka tal-appartamenti *Namura Mantions*. Il-Kumitat saħaq li t-triq imsemmija hija art privata u għaldaqstant ma jistax isir xogħol fuqha. Triq tan-Namura

**5.00 Materji Oħra**

5.01 Bħala referenza għall-korrispondenza li konna bagħttna lil Transport Malta, rigward tibdil fir-rotta, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat l-laqgħa li Transport Malta wiġbuna li r-rotta 109, ser tkun tkopri biċċa area oħra, biex b'hekk ikunu moqdija r-residenti tas-Salib u Landrijiet. Servizz ta' Trasport Pubbliku ġewwa tas-Salib u Landrijiet

**6.00 Data tas-seduta li jmiss**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 29 ta' April 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-5.50 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum l-Erbgħa 29 ta' April 2015

**Paul Galea**
**Viċi-Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**